



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15553/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0415(NLE)

ECOFIN 1192
FIN 1171
UEM 358

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Novembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 731 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10161/21 u ST 10161/21 ADD 1) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza tal-Belġju

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 731 final.

Mehmuż: COM(2023) 731 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.11.2023
COM(2023) 731 final

2023/0415 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10161/21 u ST 10161/21 ADD 1)
tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-
reżiljenza tal-Belġju**

{SWD(2023) 376 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10161/21 u ST 10161/21 ADD 1) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza tal-Belġju

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (recovery and resilience plan, "RRP") mill-Belġju fit-30 ta' April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021².
- (2) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli ta' kull Stat Membru jenħtieġ li tiġi aġġornata sat-30 ta' Ġunju 2022 f'konformità mal-metodoloġija pprovduta fih. Fit-30 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati ta' dan l-aġġornament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (3) Fl-20 ta' Lulju 2023, il-Belġju ppreżenta l-RRP nazzjonali modifikat, inkluż il-kapitolu REPowerEU f'konformità mal-Artikolu 21c tar-Regolament (UE) 2021/241, lill-Kummissjoni.
- (4) L-RRP modifikat iqis ukoll il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata f'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 u jinkludi talba motivata lill-Kummissjoni biex tippromponi lill-Kunsill biex jemenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 meta jitqies li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Il-modifiki fl-RRP ippreżentati mill-Belġju jikkonċernaw 63 miżura.
- (5) L-RRP modifikat jinkludi wkoll talba għal appoġġ fil-forma ta' self f'konformità mal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

² ST 10161/21; ST 10161/21 ADD 1.

- (6) Fl-14 ta' Lulju 2023, il-Kunsill indirizza r-rakkomandazzjonijiet lill-Belġju fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari, il-Kunsill irrakkomanda li l-Belġju jagħlaq il-miżuri ta' emerġenza għall-appoġġ tal-enerġija, jiżgura politika fiskali prudenti, iħares l-investiment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali, isaħħaħ l-isforzi biex itejjeb l-effiċjenza tal-kura fit-tul, ikompli r-riforma tas-sistema tat-tassazzjoni u tal-benefiċċji u jirrieżamina n-nefċiet tat-taxxa. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li jiġu indirizzati n-nuqqas ta' ħaddiema u l-ispariġġ fil-ħiliet u li jittejbu l-prestazzjoni u l-ekwità tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ. Dwar l-enerġija, il-Kunsill irrakkomanda li l-Belġju jnaqqas id-dipendenza ġenerali tiegħu fuq il-fjuwils fossili billi jżid it-titjib fl-effiċjenza enerġetika u jnaqqas l-użu tal-fjuwils fossili fil-bini, billi jkompli jstimula d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija u billi jippromwovi l-użu u jipprovi trasport pubbliku u mobilità mhux motorizzata. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li l-Belġju jħaffef l-użu tal-enerġiji rinnovabbli u tal-infrastruttura tal-grilja relatata billi jissimplifika aktar il-proċeduri għall-ġħoti ta' permessi, inkluż billi jnaqqas it-tul tal-proċeduri ta' appell, u billi jadotta oqfsa legali biex ikompli jagħti spinta lill-investimenti fl-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli u jiffaċilita l-kondiviżjoni tal-enerġija.
- (7) Il-preżentazzjoni tal-RRP modifikat segwiet proċess ta' konsultazzjoni, mwettaqa f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, u involviet awtoritajiet lokali u reġjonali, sħab soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Is-sommarju tal-konsultazzjonijiet ġie ppreżentat flimkien mal-RRP nazzjonali modifikat. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP modifikat, f'konformità mal-linji gwida għall-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

Aġġornamenti bbażati fuq l-Artikolu 18(2) tar-Regolament 2021/241

- (8) L-RRP modifikat ippreżentat mill-Belġju jaġġorna 43 miżura biex iqis il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata. Il-Belġju spjega li peress li l-kontribuzzjoni finanzjarja massima naqset minn EUR 5 923 953 327³ għal EUR 4 523 383 959⁴, ma huwiex aktar possibbli li l-miżuri kollha fl-RRP oriġinali jiġu ffinanzjati. Il-Belġju ppropona li jneħħi seba' investimenti biex inaqqas il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa ta' 29 investiment apparagun tal-pjan oriġinali, u li jinkludi seba' miżuri fil-kapitolu REPowerEU li kienu diġà inklużi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni adottata tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 21c (2) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (9) L-RRP modifikat ma għadx għandu fih ċerti miżuri taħt il-komponenti 1.1: Rinnovazzjoni; 1.2 Teknoloġiji tal-Enerġija Emerġenti; 2.2 Amministrazzjoni Pubblika; 3.3: Xift modali; 5.2: Appoġġ għall-Attività Ekonomika; u 5.3: Ekonomija Ċirkolari. Dawn il-miżuri jirrigwardaw l-investiment I-1.06: "Ir-rinnovazzjoni tal-bini pubbliku" tar-Reġjun ta' Wallonia; I-1.13: "Renolab: Laboratorju ta' rinnovazzjoni" tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali; I-1.20: "Networks tas-sħana rinnovabbli" tar-Reġjun Fjamming; I-2.12: "Diġitalizzazzjoni tal-gvern reġjonali u lokali" tar-Reġjun ta'

³ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Belġju tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata skont il-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.

⁴ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Belġju tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata skont il-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.

Wallonia; I-3.05: “Karożżi tal-Linja b’Livell Għoli ta’ Servizz” tar-Reġjun ta’ Wallonia; I-5.09: “R&Ż: Appell għal proposti b’appoġġ għar-R&Ż tas-settur tal-ajrunawtika u tal-ispazju” tal-Istat Federali; u l-investment I-5.17: “Ekonomija ċirkolari u kostruzzjoni ċirkolari” tar-Reġjun Fjamming. Id-deskrizzjoni ta’ dawn il-miżuri u l-istadji importanti u l-miri assoċjati tagħhom għaldaqstant jenħtieġ li jitneħħew mid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill.

- (10) Barra minn hekk, l-RRP modifikat ippreżentat mill-Belġju jibdel il-miżuri taħt il-komponenti 1.1: Rinnovazzjoni; 1.2: Teknoloġiji tal-Enerġija Emerġenti; 1.3: Klima u Ambjent; 2.2: Amministrazzjoni Pubblika; 2.3: Fibra ottika, 5G u Teknoloġiji Ġodda; 3.1: L-infrastruttura għaċ-ċikliżmu u għall-mixi; 3.2: Xift modali; 4.1: Edukazzjoni 2.0; 4.3: L-infrastruttura Soċjali; 5.1: It-Taħriġ u s-Suq tax-Xogħol; 5.2: Appoġġ għall-Attività Ekonomika; u 5.3: Ekonomija Ċirkolari biex tirrifletti l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata. Dan jikkonċerna l-istadju importanti 1, il-mira 5, il-mira 6, il-mira 7, id-deskrizzjoni tar-riforma R-1.01 “Skema mtejba ta’ sussidju għall-enerġija” tar-Reġjun Fjamming u deskrizzjoni tal-investment I-1.03: “Ir-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali” tal-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż, taħt il-komponent 1.1: Rinnovazzjoni; il-mira 12, il-mira 14 u d-deskrizzjoni tal-investment I-1.07: “Ir-rinnovazzjoni tal-bini pubbliku - l-awtoritajiet lokali u l-isport” tar-Reġjun ta’ Wallonia, taħt il-komponent 1.1: Rinnovazzjoni; il-mira 11, il-mira 14 u d-deskrizzjoni tal-investment I-1.08: “Ir-rinnovazzjoni tal-bini pubbliku” tar-Reġjun ta’ Brussell Kapitali, taħt il-komponent 1.1: Rinnovazzjoni; il-mira 13, il-mira 14 u d-deskrizzjoni tal-investment I-1.09: “Ir-rinnovazzjoni tal-bini pubbliku - l-iskejjel” tal-Komunità Franċiża, taħt il-komponent 1.1: Rinnovazzjoni; il-mira 13, il-mira 15 u d-deskrizzjoni tal-investment I-1.10: “Ir-rinnovazzjoni tal-bini pubbliku - l-isport u l-IPPJ” tal-Komunità Franċiża, taħt il-komponent 1.1: Rinnovazzjoni; il-mira 13, il-mira 16 u d-deskrizzjoni tal-investment I-1.11: “Ir-rinnovazzjoni tal-bini pubbliku - l-universitajiet” tal-Komunità Franċiża, taħt il-komponent 1.1: Rinnovazzjoni; l-istadju importanti 23 tal-investment I-1.16 “Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni tal-idroġenu” tar-Reġjun Fjamming, taħt il-komponent 1.2: Teknoloġiji tal-Enerġija Emerġenti; l-istadju importanti 25, l-istadju importanti 26 u deskrizzjoni tal-investment I-1.17 “Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni tal-idroġenu” tar-Reġjun ta’ Wallonia, taħt il-komponent 1.2: Teknoloġiji tal-Enerġija Emerġenti; l-istadju importanti 27 u l-istadju importanti 28 tal-investment I-1.18 “L-iżvilupp tal-industrija b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju” tar-Reġjun ta’ Wallonia, taħt il-komponent 1.2: Teknoloġiji tal-Enerġija Emerġenti; il-mira 36, il-mira 37, il-mira 38, il-mira 39 u d-deskrizzjoni tal-investment I-1.22: “Il-bijodiversità u l-adattament għat-tibdil fil-klima” tar-Reġjun ta’ Wallonia, taħt il-komponent 1.3: Klima u Ambjent; l-istadju importanti 41, l-istadju importanti 42, il-mira 43, u d-deskrizzjoni tal-investment I-1.24: Il-“Patt Blu” tar-Reġjun Fjamming, taħt il-komponent 1.3: Klima u Ambjent; l-istadju importanti 65 u l-investment I-2.07: “Id-diġitalizzazzjoni ta’ ONE” tal-Komunità Franċiża, taħt il-komponent 2.2: Amministrazzjoni Pubblika; il-mira 66, il-mira 67 u d-deskrizzjoni tal-investment I-2.08: “Id-diġitalizzazzjoni tas-settur kulturali u tal-media” tal-Komunità Franċiża, taħt il-komponent 2.2: Amministrazzjoni Pubblika; l-istadju importanti 68, u d-deskrizzjoni tal-investment I-2.09: “Id-diġitalizzazzjoni tal-Gvern Fjamming” tar-Reġjun Fjamming, taħt il-komponent 2.2: Amministrazzjoni Pubblika; il-mira 85, l-istadju importanti 86, il-mira 87, il-mira 88 u d-deskrizzjoni tal-investment I-2.15: “It-titjib tal-konnettività tal-iskejjel (interna), iżda wkoll tal-35 park kummerċjali f’Wallonia” tar-Reġjun ta’ Wallonia, taħt il-komponent 2.3: Fibra ottika, 5G u Teknoloġiji Ġodda; l-istadju importanti 94, il-mira 95, il-mira 96 u d-deskrizzjoni tal-investment I-3.01: “L-infrastruttura għaċ-ċikliżmu”

tar-Reġjun Fjamming u deskrizzjoni tal-investiment I-3.03: “L-infrastruttura għaċ-ċikliżmu - Vélo Plus - RBC” tar-Reġjun ta’ Brussell Kapitali, taħt il-komponent 3.1: L-infrastruttura għaċ-ċikliżmu u għall-mixi; il-mira 113 tal-investiment I-3.14: “Għotjiet għall-bidla modali” tar-Reġjun ta’ Brussell Kapitali, taħt il-komponent 3.2: Bidla modali; il-mira 114, il-mira 115 u d-deskrizzjoni tal-investiment I-3.17: “L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-linja - RBC” tar-Reġjun ta’ Brussell Kapitali, taħt il-komponent 3.3: L-Ekoloġizzazzjoni tat-Trasport bit-Triq; id-deskrizzjoni tal-investiment I-4.01: “Digisprong” tar-Reġjun Fjamming, taħt il-komponent 4.1: Edukazzjoni 2.0; il-mira 151, il-mira 152, il-mira 153 u d-deskrizzjoni tal-investiment I-4.12: “L-iżvilupp ta’ akkomodazzjonijiet ta’ utilità pubblika u ta’ akkomodazzjonijiet għall-persuni vulnerabbli” tar-Reġjun ta’ Wallonia, taħt il-komponent 4.3: L-infrastruttura Soċjali; il-mira 160, u d-deskrizzjoni tal-investiment I-5.03: “L-aġġornament tal-infrastruttura tat-taħriġ avvanzat” tar-Reġjun ta’ Wallonia, taħt il-komponent 5.1: It-Taħriġ u s-Suq tax-Xogħol; il-mira 165 u d-deskrizzjoni tal-investiment I-5.04: “Kampanja marbuta mal-apprendiment u l-karriera” tar-Reġjun Fjamming, taħt il-komponent 5.1: It-Taħriġ u s-Suq tax-Xogħol; il-mira 166 u d-deskrizzjoni tal-investiment I-5.05: “Strateġija għat-tnedija mill-ġdid tas-suq tax-xogħol” tar-Reġjun ta’ Brussell Kapitali, taħt il-komponent 5.1: It-Taħriġ u s-Suq tax-Xogħol; il-mira 169 tal-investiment I-5.06: “Il-ħiliet diġitali” tar-Reġjun Fjamming, taħt il-komponent 5.1: It-Taħriġ u s-Suq tax-Xogħol; l-istadju importanti 171 u d-deskrizzjoni tal-investiment I-5.07: “It-tagħlim diġitali tul il-ħajja” tar-Reġjun ta’ Wallonia, taħt il-komponent 5.1: It-Taħriġ u s-Suq tax-Xogħol; l-istadju importanti 186 u l-mira 187 tal-investiment I-5.11 “It-tisħiħ tal-R&Ż” tar-Reġjun Fjamming, taħt il-komponent 5.2: Appoġġ għall-Attività Ekonomika; il-mira 192 tal-investiment I-5.13: “Id-diġitalizzazzjoni tas-settur tat-turiżmu ta’ Wallonia” tar-Reġjun ta’ Wallonia, taħt il-komponent 5.2: Appoġġ għall-Attività Ekonomika; l-istadju importanti 201, il-mira 202 u deskrizzjoni tal-investiment I-5.16 “L-użu ta’ ekonomija ċirkolari” fir-Reġjun ta’ Wallonia, taħt il-komponent 5.3: Ekonomija Ċirkolari. Dawn id-deskrizzjonijiet, l-istadji importanti u l-miri tbiddlu biex jitnaqqas il-livell ta’ implimentazzjoni meħtieġ apparagun tal-pjan oriġinali biex jiġi rifless it-tnaqqis fl-allokazzjoni. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata skont dan.

- (11) F’konformità mal-Artikolu 21c(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, minħabba t-tnaqqis fil-kontribuzzjoni finanzjarja massima, il-kapitolu REPowerEU ppreżentat mill-Belġju jinkludi wkoll tliet miżuri li diġà ġew inklużi fid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021. B’mod partikolari, fil-kapitolu REPowerEU l-Belġju jinkludi tliet investimenti: l-investiment I-1.14: “In-network tal-H2 u tas-CO2” tal-Istat Federali u l-istadji importanti assoċjati miegħu (16 u 17); l-investiment I-1.19: “Il-pjattaforma ta’ riċerka għat-tranżizzjoni tal-enerġija” tar-Reġjun ta’ Wallonia u l-istadji importanti assoċjati magħha (29 u 30); l-investiment I-1.21: “Gżira tal-enerġija offshore” tal-Istat Federali u l-istadji importanti assoċjati magħha (33, 34 u 35), li huma kollha investimenti taħt il-komponent 1.2: Teknoloġiji tal-Enerġija Emerġenti; Il-Belġju inkluda wkoll fil-kapitolu REPowerEU parti minn tliet investimenti u parti minn riforma li diġà hija inklużi fid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021. Dan jirrigwarda l-investiment I-3.10: “Il-ferroviji - network effiċjenti” tal-Istat Federali, taħt il-komponent 3.2: Bidla modali; l-investiment I-3.17: “L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-linja - RBC” tar-Reġjun ta’ Brussell Kapitali, taħt il-komponent 3.3: L-Ekoloġizzazzjoni tat-Trasport bit-Triq; l-investiment I-3.18 “L-istazzjonijiet tal-iċċarġjar - FED” tal-Istat Federali, taħt il-komponent 3.3: L-ekoloġizzazzjoni tat-Trasport bit-Triq, u r-riforma R-1.03: “Skema mtejbja ta’ sussidju

għall-enerġija” tal-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż, taħt il-komponent 1.1: Rinnovazzjoni. Abbażi ta’ dan, jenħtieġ li d-Deċizzjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata biex tirrifletti l-miżuri modifikati.

- (12) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet imressqa mill-Belġju jiġġustifikaw l-aġġornament skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Talba għal self ibbażata fuq l-Artikolu 14(2) tar-Regolament 2021/24

- (13) L-RRP modifikat ippreżentat mill-Belġju jinkludi talba għal self biex jiġu appoġġati tliet miżuri li kienu appoġġati mill-kontribuzzjoni finanzjarja mhux ripagabbli tad-Deċizzjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021, iżda li l-Belġju jipproponi li minflok jappoġġahom b’self. Dan jirrigwarda l-investiment I-2.05: “Id-diġitalizzazzjoni tal-SPF, is-sottomiżura 7: Id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi ta’ ġestjoni tal-ażil u tal-immigrazzjoni” tal-Istat Federali, taħt il-komponent 2.2: Amministrazzjoni Pubblika; l-investiment I-3.03, “L-infrastruttura għaċ-ċikliżmu - Vélo Plus - FED” tal-Istat Federali, taħt il-komponent 3.2: Bidla modali; u l-investiment I-3.04: “L-infrastruttura għaċ-ċikliżmu u għall-mixi - Schuman” tal-Istat Federali, taħt il-komponent 3.1: L-infrastruttura għaċ-ċikliżmu u għall-mixi.
- (14) It-talba għal self tinkludi wkoll l-appoġġ ta’ tliet miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU: l-investiment I-7.15: “In-network tal-H2” tal-Istat Federali, taħt il-komponent 7.2: Teknoloġiji tal-Enerġija Emerġenti Ġodda; l-investiment I-7.20: “Gżira tal-enerġija offshore” tal-Istat Federali, taħt il-komponent 7.3: Enerġija Rinnovabbli; u l-investiment I-7.25: “Infrastruttura tal-iċċarġjar għall-karozzi tal-linja” tar-Reġjun ta’ Brussell Kapitali, taħt il-komponent 7.4: Il-mobilità.
- (15) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU skont il-kriterji ta’ valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament 2021/241.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament 2021/241

- (16) L-emendi fl-RRP ippreżentati mill-Belġju minħabba ċirkostanzi oġġettivi li jirrigwardaw 34 miżura.
- (17) Il-Belġju spjega li 12-il miżura ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament, minħabba inflazzjoni għolja, li taffettwa b’mod partikolari l-materja prima u l-kostijiet lavorattivi. Dan jirrigwarda l-mira 12 u l-mira 14 tal-investiment I-1.07: “Ir-rinnovazzjoni tal-bini pubbliku - l-awtoritajiet lokali u l-isport” tar-Reġjun ta’ Wallonia, taħt il-komponent 1.1: Rinnovazzjoni; il-mira 13 u l-mira 14 tal-investiment I-1.09: “Ir-rinnovazzjoni tal-bini pubbliku - l-iskejjel” tal-Komunità Franċiża, taħt il-komponent 1.1: Rinnovazzjoni; il-mira 13 u l-mira 14 tal-investiment I-1.10: “Ir-rinnovazzjoni tal-bini pubbliku - l-isport u l-IPPJ” tal-Komunità Franċiża, taħt il-komponent 1.1: Rinnovazzjoni; il-mira 11 u l-mira 14 tal-investiment I-1.11: “Ir-rinnovazzjoni tal-bini pubbliku - l-universitajiet” tal-Komunità Franċiża, taħt il-komponent 1.1: Rinnovazzjoni; il-mira 36, il-mira 37, l-istadju importanti 38 u l-mira 39 tal-investiment I-1.22: “Il-bijodiversità u l-adattament għat-tibdil fil-klima” tar-Reġjun ta’ Wallonia, taħt il-komponent 1.3: Klima u Ambjent; l-istadju importanti 94, il-mira 95, il-mira 96, u d-deskrizzjoni tal-investiment I-3.01: “L-infrastruttura għaċ-ċikliżmu” tar-Reġjun Fjamming, taħt il-komponent 3.1: L-infrastruttura għaċ-ċikliżmu u għall-mixi; il-mira 95, il-mira 96 u deskrizzjoni tal-investiment I-3.02 “L-infrastruttura għaċ-ċikliżmu – It-trejqiet għar-roti (Corridors Vélo)” fir-Reġjun ta’ Wallonia, taħt il-komponent 3.1: L-infrastruttura għaċ-ċikliżmu u għall-mixi; id-deskrizzjoni tal-investiment I-3.03: “L-infrastruttura għaċ-ċikliżmu - Vélo Plus - RBC” tar-Reġjun ta’ Brussell Kapitali, taħt il-komponent 3.1: L-infrastruttura għaċ-

ċikliżmu u għall-mixi; il-mira 121, il-mira 122, il-mira 123 u d-deskrizzjoni tal-investiment I-3.18: “L-istazzjonijiet tal-iċċarġjar - FED” tal-Istat Federali, taħt il-komponent 3.3: L-Ekoloġizzazzjoni tat-Trasport bit-Triq; il-mira 151, il-mira 153 u d-deskrizzjoni tal-investiment I-4.12: “L-iżvilupp ta’ akkomodazzjonijiet ta’ utilità pubblika u ta’ akkomodazzjonijiet għall-persuni vulnerabbli” tar-Reġjun ta’ Wallonia, taħt il-komponent 4.3: L-infrastruttura Soċjali; il-mira 190 tal-investiment I-5.12: “Ir-rilokazzjoni tal-ikel u l-iżvilupp ta’ pjattaformi loġistiċi” tar-Reġjun ta’ Wallonia, taħt il-komponent 5.2: Appoġġ għall-Attività Ekonomika; u l-mira 192 tal-investiment I-5.13: “Id-diġitalizzazzjoni tas-settur tat-turiżmu ta’ Wallonia” tar-Reġjun ta’ Wallonia, taħt il-komponent 5.2: Appoġġ għall-Attività Ekonomika. Abbażi ta’ dan, il-Belġju talab li jitnaqqas il-livell tal-implimentazzjoni meħtieġa tal-miżuri msemmija hawn fuq. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata skont dan.

- (18) Il-Belġju spjega li l-investiment I-1.12: “Ir-rinnovazzjoni tal-bini pubbliku - kultura” tal-Komunità Franċiża, taħt il-komponent 1.1: Ir-rinnovazzjoni, ma għadx tista’ ssir peress li l-istima inizjali tal-ispejjeż mogħtija fl-RRP oriġinali żdiedet minħabba l-inflazzjoni għolja. Madankollu, meta jitqiesu r-riżorsi li saru disponibbli permezz tat-tneħħija ta’ miżuri oħra skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Belġju żamm il-livell tal-implimentazzjoni meħtieġa għall-miri assoċjati.
- (19) Il-Belġju spjega wkoll li tliet miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament, minħabba inflazzjoni għolja u tfixkil fil-katina tal-provvista, li jaffettwaw b’mod partikolari l-materja prima, ix-xogħol jew iċ-ċipep elettroniċi. Dan jirrigwarda l-mira 122, il-mira 123 u d-deskrizzjoni tar-riforma R-3.04 “L-istazzjonijiet tal-iċċarġjar - WAL” fir-Reġjun ta’ Wallonia, taħt il-komponent 3.3: L-Ekoloġizzazzjoni tat-Trasport bit-Triq; il-mira 160 u l-mira 163 tal-investiment I-5.03 “L-aġġornament tal-infrastruttura tat-taħriġ avanzat” tar-Reġjun ta’ Wallonia, taħt il-komponent 5.1: It-Taħriġ u s-Suq tax-Xogħol; u l-istadju importanti 171 tal-investiment I-5.07: “It-tagħlim diġitali tul il-ħajja” tar-Reġjun ta’ Wallonia, taħt il-komponent 5.1: It-Taħriġ u s-Suq tax-Xogħol. Abbażi ta’ dan, il-Belġju talab li jemenda l-miżuri msemmija hawn fuq, u jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata skont dan.
- (20) Il-Belġju spjega li ħames miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament minħabba diffikultajiet legali mhux mistennija barra mill-kontroll tal-awtoritajiet, b’mod partikolari, il-ħtieġa li jiġi adottat att legali ġdid wara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, in-nuqqas ta’ kompetenza f’ċertu qasam ta’ regolamentazzjoni mill-Istat Federali, il-kwistjonijiet mhux mistennija ta’ konformità mad-dritt tal-Unjoni jew in-negożjati estiżi mal-partijiet ikkonċernati. Skont il-miżuri kkonċernati, dawn id-diffikultajiet huma relatati pereżempju mal-ħtieġa li jiġi adottat att legali ġdid wara d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, in-nuqqas ta’ kompetenza f’ċertu qasam ta’ regolamentazzjoni mill-Istat Federali, jew kwistjonijiet mhux mistennija ta’ konformità mad-dritt tal-Unjoni. Dan jikkonċerna l-istadju importanti 15 u d-deskrizzjoni tar-riforma R-1.04: “Qafas regolatorju għas-swieq tal-H₂ u tas-CO₂” tal-Istat Federali, taħt il-komponent 1.2: Teknoloġiji tal-Enerġija Emerġenti; l-istadju importanti 23 tal-investiment I-1.16: “Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni tal-idroġenu” tar-Reġjun Fjamming, taħt il-komponent 1.2: Teknoloġiji tal-Enerġija Emerġenti; l-istadju importanti 127 u d-deskrizzjoni tar-riforma R-4.01: “Digisprong” tal-Komunità Fjamminga, taħt il-komponent 4.1: Edukazzjoni 2.0; U l-istadju importanti 129 u d-deskrizzjoni tar-riforma R-4.03: “Pjan ta’ azzjoni globali kontra t-tluq bikri mill-iskola” tal-Komunità Franċiża, taħt il-komponent 4.1: Edukazzjoni 2.0; u l-istadju importanti 139 u d-deskrizzjoni tar-riforma R-4.05: “Strateġija ta’ kwalifikazzjoni mill-ġdid” tar-Reġjun ta’ Brussell Kapitali, taħt il-komponent 4.2: It-

taħriġ u l-impjieġ ta' Gruppi Vulnerabbli. Abbażi ta' dan, il-Belġju talab li jemenda l-miżuri msemmija hawn fuq, u jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata skont dan.

- (21) Il-Belġju spjega li ħames miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament, minħabba diffikultajiet tekniċi mhux mistennija barra mill-kontroll tal-awtoritajiet. Dawn jinkludu pereżempju diffikultajiet fir-reklutaġġ ta' persunal speċjalizzat u tħassib mhux mistenni dwar is-sikurezza. Dan jirrigwarda l-istadju importanti 19 tal-investment I-1.15: "Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni tal-idroġenu" tal-Istat Federali, taħt il-komponent 1.2: Teknoloġiji tal-Enerġija Emerġenti; l-istadju importanti 61 tal-investment I-2.05: "Id-diġitalizzazzjoni tal-SPF tas-sottomiżura 10: Portal Diġitali Uniku" tal-Istat Federali, taħt il-komponent 2.2: Amministrazzjoni Pubblika, l-istadju importanti 106, il-mira 107 u d-deskrizzjoni tal-investment I-3.11: "Il-Kanal Albert u t-Trilogiport" tar-Reġjun ta' Wallonia, taħt il-komponent 3.2: Bidla modali; il-mira 144 tal-investment I-4.07: "Strateġija ta' kwalifikazzjoni mill-ġdid" tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali, taħt il-komponent 4.2: It-taħriġ u l-impjieġ ta' Gruppi Vulnerabbli; l-istadju importanti 170 tal-investment I-5.06: "Il-ħiliet diġitali" tar-Reġjun Fjamming, taħt il-komponent 5.1: It-taħriġ u s-Suq tax-Xogħol. Abbażi ta' dan, il-Belġju talab li l-istadji importanti u l-miri msemmija hawn fuq jemendahom, u jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata skont dan.
- (22) Il-Belġju spjega wkoll li minħabba diffikultajiet tekniċi mhux mistennija, l-investment I-5.08 "Il-mediċina nukleari" tal-Istat Federali, taħt il-komponent 5.2: L-appoġġ tal-Attività Ekonomika ma għadux jista' jinkiseb kompletament kif ippjanat oriġinarjament. Is-sejbiet tar-R&Ż urew in-nuqqas ta' vijabbiltà tal-proġett SMART. Il-Belġju talab li dan il-proġett jiġi sostitwit b'żewġ proġetti ġodda u li tiġi estiża l-iskeda ta' żmien tal-implimentazzjoni tal-miżura kollha. Dan jirrigwarda t-tħassir tal-istadju importanti 178, l-emenda tal-istadju importanti 179 u d-deskrizzjoni tal-investment I-5.08: "Il-mediċina nukleari" tal-Istat Federali, kif ukoll iż-żieda ta' żewġ miżuri ġodda I-5.08bis: "Il-mediċina nukleari - l-approċċ teranostiku" tal-Istat Federali, u I-5.18: "SMELD: Il-limitazzjoni tal-iskart bit-tidwib tal-metall tal-ogħla livell waqt id-D&D". Abbażi ta' dan, il-Belġju talab li jagħmel il-bidliet msemmija hawn fuq, u jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata skont dan.
- (23) Il-Belġju spjega wkoll li minħabba proċess ta' akkwist li falla minħabba ċirkostanzi lil hinn mill-kontroll tiegħu, l-investment I-3.06: "L-estensjoni tat-tramm" tar-Reġjun ta' Wallonia, ma għadux jista' jsir kif kien ippjanat oriġinarjament. Għal din ir-raġuni, il-Belġju talab li dan il-proġett jiġi sostitwit b'investment ġdid, jiġifieri l-investment I-3.20: "L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-linja - WAL", taħt il-komponent 3.3, l-Ekoloġizzazzjoni tat-Trasport bit-Triq. Dan jinvolve t-tħassir tad-deskrizzjoni tal-investment I-3.06: "L-estensjoni tat-tramm" tar-Reġjun ta' Wallonia u l-emenda fil-miri 99, 100 u 101. Abbażi ta' dan il-Belġju talab li jagħmel il-bidliet msemmija hawn fuq, u jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata skont dan.
- (24) Il-Belġju spjega li sitt miżuri ġew modifikati biex jimplimentaw alternattivi aħjar biex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tal-miżura. Dan jikkonċerna l-mira 44 u d-deskrizzjoni tal-investment I-2.01: "Iċ-ċibersigurtà u s-s-Soċjetà Diġitali Resiljenti" tal-Istat Federali, taħt il-komponent 2.1: Iċ-ċibersigurtà, biex tiġi pprovduta soluzzjoni aktar permanenti, biex tiġi żgurata l-affidabbiltà tas-siti web permezz tal-ħolqien ta' plug-ins tal-brawżers aktar milli permezz tax-xiri ta' ċertifikati li huma validi biss temporanjament. Dan jikkonċerna wkoll l-istadju importanti 77 u d-deskrizzjoni tar-

rifirma R-2.01 “Is-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi: l-e-Gvern għan-negozji, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi” tal-Istat Federali, taħt il-komponent 2.2: L-Amministrazzjoni Pubblika, biex tiddiġitalizza l-proċeduri relatati mal-ħolqien, il-modifika u x-xoljiment ta’ negozju. Dan jinvolve d-deskrizzjoni tal-investment I-2.13: “Il-kopertura ta’ żoni bojod bl-iżvilupp ta’ networks tal-fibra ottika b’veloċità għolja ħafna” tal-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż, taħt il-komponent 2.3: L-Optic Fibre, il-5G u t-Teknoloġiji Ġodda, biex jirriflettu struttura kapitali għall-kooperazzjoni mas-settur privat li tikkorrispondi aħjar għall-aspettattivi tas-settur privat. Dan jirrigwarda l-mira 146 tal-investment I-4.08: “L-e-Inklużjoni għall-Belġju” tal-Istat Federali, taħt il-komponent 4.2: It-taħriġ u l-Impjieġ ta’ Gruppi Vulnerabbli, biex jitnaqqsu l-ispejjeż operattivi li jagħmlu disponibbli riżorsi għall-finanzjament ta’ aktar proġetti; l-istadju importanti 175 u d-deskrizzjoni tar-rifirma R-5.01: “Ir-reġim ta’ akkumulazzjoni u l-mobilità lejn setturi b’nuqqasijiet” tal-Istat Federali, il-mira 174 u d-deskrizzjoni tar-rifirma R-5.03: il-kont tal-apprendiment” tal-Istat Federali, taħt il-komponent 5.1: It-Taħriġ u s-Suq tax-Xogħol, biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għat-taħriġ għal daww qiegħda temporanjament. Abbażi ta’ dan, il-Belġju talab li jemenda l-miżuri msemmija hawn fuq, u jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata skont dan.

- (25) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet imressqa mill-Belġju jiġġustifikaw l-emenda skont l-Artikolu 21(2) ta’ dak ir-Regolament.

Korrezzjonijiet ta’ żbalji klerikali

- (26) Ġew identifikati 14-il żball klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill, li jaffettwaw għaxar stadji importanti u miri u 20 miżura. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata biex tikkoreġi dawn l-iżbalji klerikali li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fit-30 ta’ April 2021, kif maqbul bejn il-Kummissjoni u l-Belġju. Dawn l-iżbalji klerikali huma relatati ma’: l-istadju importanti 2 tar-rifirma R-1.02: “Skema mtejbja ta’ sussidju għall-enerġija” tar-Reġjun ta’ Brussell Kapitali, taħt il-komponent 1.1: Rinnovazzjoni; il-mira 12, il-mira 13 u d-deskrizzjoni tal-investment I-1.04 “Ir-rinnovazzjoni tal-bini pubbliki” tal-Istat Federali, taħt il-komponent 1.1: Rinnovazzjoni; il-mira 13, il-mira 14 u d-deskrizzjoni tal-investment I-1.05 “Ir-rinnovazzjoni tal-bini pubbliki” tar-Reġjun Fjamming, taħt il-komponent 1.1: Rinnovazzjoni; id-deskrizzjoni tal-investment I-2.02 “Iċ-ċibersigurtà: 5G” tal-Istat Federali; l-istadju importanti 58 u d-deskrizzjoni tal-investment I-2.05: “Id-diġitalizzazzjoni tal-SPF” tal-Istat Federali, taħt il-komponent 2.2: Amministrazzjoni Pubblika; id-deskrizzjoni tal-investment I-3.04: “L-infrastruttura għaċ-ċikliżmu u għall-mixi - Schuman” tal-Istat Federali; id-deskrizzjoni tal-investment I-3.10: “Il-ferroviji - network effiċjenti” tal-Istat Federali, taħt il-komponent 3.2: Bidla modali; l-istadju importanti 126 u d-deskrizzjoni tar-rifirma R-3.03: “Karożżi tal-kumpaniji b’emissjonijiet żero - FED” tal-Istat Federali; id-deskrizzjoni tar-rifirma R-3.05: “L-istazzjonijiet tal-iċċarġjar - RBC” tar-Reġjun ta’ Brussell Kapitali; id-deskrizzjoni tar-rifirma R-3.07: “Frodi fl-Emissjonijiet” tar-Reġjun Fjamming; id-deskrizzjoni tal-investment I-3.19: “L-istazzjonijiet tal-iċċarġjar - VLA” tar-Reġjun Fjamming; id-deskrizzjoni tal-investment I-3.07: “L-estensjoni tal-Metrò” tar-Reġjun ta’ Wallonia, taħt il-komponent 3.2: Bidla modali; id-deskrizzjoni tal-investment I-3.09: “Il-ferroviji - stazzjonijiet ferrovjarji aċċessibbli u multimodali” tal-Istat Federali, taħt il-komponent 3.2: Bidla modali; id-deskrizzjoni tal-investment I-3.16: “L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karożżi tal-linja - VLA” tar-Reġjun Fjamming, taħt il-komponent 3.3: L-Ekoloġizzazzjoni tat-Trasport bit-Triq; id-deskrizzjoni tar-rifirma R-4.02: “Fond għall-avvanz fl-edukazzjoni għolja” tal-

Komunità Fjamminga, taħt il-komponent 4.1: Edukazzjoni 2.0; il-mira 134 tal-investment I-4.02: “Fond għall-avvanz fl-edukazzjoni għolja” tal-Komunità Fjamminga, taħt il-komponent 4.1: Edukazzjoni 2.0; il-mira 133 tal-investment I-4.04: “Strateġija diġitali għall-edukazzjoni għolja u t-tagħlim għall-adulti” tal-Komunità Franċiża, taħt il-komponent 4.1: Edukazzjoni 2.0; il-mira 131, il-mira 132, il-mira 133 u d-deskrizzjoni tal-investment I-4.06: “Trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni” tal-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż, taħt il-komponent 4.1: Edukazzjoni 2.0; id-deskrizzjoni tar-riforma R-5.04: “It-tagħlim tul il-ħajja” tal-Komunità Fjamminga, taħt il-komponent 5.1: It-Taħriġ u s-Suq tax-Xogħol; id-deskrizzjoni tar-riforma R-6.02: “Ir-rieżami tal-infiq - Ir-reviżjoni ġenerali Fjamminga u n-norma tal-infiq” tal-Flanders, taħt il-komponent 6.1: Ir-rieżami tal-infiq. Dawn il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

Il-kapitolu REPowerEU bbażat fuq l-Artikolu 21c tar-Regolament 2021/241

- (27) Il-kapitolu REPowerEU jinkludi erba' riformi ġodda u 17-il investment ġdid. L-ewwel riforma tikkonsisti fir-reviżjoni tal-Kodiċi ta' Brussell għall-Ġestjoni tal-Arja, tal-Klima u tal-Enerġija (COBRACE), li tikkonsolida diversi regolamenti ambjentali u dwar l-effiċjenza enerġetika (IR-7.01). Din ir-riforma tintroduċi obbligi biex il-bini jiġi rinnovat u tiżdied l-effiċjenza enerġetika tiegħu. It-tieni riforma tikkonsisti fir-rieżami tal-proċedura ta' appell fil-livell tal-Kunsill tal-Istat għal deċiżjonijiet rigward investimenti fl-enerġija u proġetti tal-enerġija rinnovabbli, filwaqt li jingħataw prijorità u jiqsaru l-iskedi ta' żmien tal-proċedura rispettiva (IR-7.02). It-tielet riforma tintroduċi l-obbligu li jiġu installati pannelli fotovoltajċi solari f'bini privat b'konsum tal-elettriku ta' aktar minn 1 gigawatt siegħa kull sena u f'bini pubbliku b'konsum tal-elettriku ta' aktar minn 250 megawatt siegħa fis-sena fil-Flanders (IR-7.03). Ir-raba' riforma tikkonsisti fis-simplifikazzjoni u t-tqassir tal-proċeduri għall-ġhoti ta' permessi għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli fil-Wallonia (IR-7.04).
- (28) Tmien investimenti ġodda jagħtu spinta lill-effiċjenza enerġetika fil-bini, taħt il-komponent 7.1: Ir-rinnovazzjoni tal-bini. Dawn jirrigwardaw l-iskema ta' sussidju tal-enerġija għar-rinnovazzjonijiet tal-akkomodazzjoni privata biex jiġu appoġġati l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx fir-Reġjun ta' Brussell Kapitali (I-7.01); l-installazzjoni ta' pompi tas-sħana u pannelli solari f'unitajiet tal-akkomodazzjoni soċjali fir-Reġjun ta' Wallonia (I-7.04); it-tagħmir tal-bini pubbliku federali bi stazzjonijiet tal-iċċarġjar, pannelli solari u dwal LED (I-7.05); ir-rinnovazzjoni ta' erba' binjiet pubbliċi tar-Reġjun Fjamming (I-7.06); l-użu ta' pannelli solari fuq skejjel pubbliċi fir-Reġjun Fjamming (I-7.07); l-awditi tal-enerġija u t-tlestija ta' miżuri tal-enerġija fil-binjiet ta' ċentri tal-kura fir-Reġjun Fjamming (I-7.08); it-tlestija tax-xogħlijiet tal-enerġija fil-bini l-ġdid *Vlaamse Radio en Televisie* tar-Reġjun Fjamming (I-7.09) u t-tlestija tal-insulazzjoni, tal-pompi tas-sħana, tal-pannelli solari u d-dwal LED fil-binjiet *Agentschap Wegen en Verkeer* tar-Reġjun Fjamming (I-7.10).
- (29) Tliet investimenti ġodda jappoġġaw teknoloġiji tal-enerġija emerġenti, taħt il-komponent 7.2: Teknoloġiji tal-Enerġija Emerġenti Ġodda; Dawn jikkonċernaw proġetti tar-R&Ż biex tiġi ottimizzata l-infrastruttura għall-importazzjoni tal-idroġenu jew tal-elettriku tal-Istat Federali (I-7.12); inċentivi finanzjarji għal proġetti tal-effiċjenza enerġetika, bħall-ġestjoni tas-sħana industrijali jew il-qbid u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju, u għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u għall-istabbiliment ta' ktajjen tal-valur tal-idroġenu jew tal-batteriji elettriki fir-Reġjun ta' Wallonia (I-7.13); u l-appoġġ għal tekniki tal-iffrankar tal-enerġija, għal proġetti tat-tisħin ekoloġiku u tal-enerġija rinnovabbli fis-settur agrikolu tar-Reġjun Fjamming (I-7.14).

- (30) Erba' investimenti ġodda jikkontribwixxu għall-użu tal-enerġija rinnovabbli, taħt il-komponent 7.3: Enerġija Rinnovabbli. Dawn jikkonċernaw l-istudji ta' fattibbiltà teknika, ekonomika u finanzjarja għall-pannelli solari li jifflowtjaw fil-Baħar tat-Tramuntana, li jżidu l-livell ta' tħejjija teknoloġika tagħhom minn 4 għal 7 (I-7.16); appoġġ għat-trasformazzjoni tan-network tal-elettriku fir-Reġjun ta' Wallonia fi grilja intelliġenti (I-7.17); appoġġ għal teknoloġiji ġodda fil-qasam taċ-ċelloli fotovoltajċi u tal-enerġija solari kif ukoll fl-elettrifikazzjoni tal-infrastruttura tal-portijiet (I-7.18); u t-tnaqqis tar-restrizzjonijiet fil-viċinat tal-ajruporti biex jinbnew turbini eoliċi (I-7.19).
- (31) Żewġ investimenti ġodda jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija u għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq, taħt il-komponent 7.4: Il-mobilità. Dawn jikkonċernaw is-sostituzzjoni tal-luminarji l-qodma (il-lampi tas-sodju bi pressjoni għolja u baxxa) b'luminarji LED fuq l-awtostradi u lampi LED fil-mini tar-Reġjun Fjamming (I-7.23); u l-użu ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar għal matul il-lejl u meta possibbli għall-karozzi tal-linja elettriki fir-Reġjun ta' Brussell Kapitali (I-7.25).
- (32) Il-Kapitolu REPowerEU jikkontribwixxi wkoll biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku bl-iskema ta' sussidju għall-enerġija għar-rinnovazzjonijiet tal-akkomodazzjoni privata biex jiġu appoġġati l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx fir-Reġjun ta' Brussell Kapitali (I-7.01) u l-investment fil-pompi tas-sħana u f'pannelli solari għall-unitajiet tal-akkomodazzjoni soċjali fir-Reġjun ta' Wallonia (I-7.04).
- (33) Il-Kapitolu REPowerEU jinkludi miżura estiża waħda taħt il-komponent 7.1: Ir-rinnovazzjoni tal-bini. L-investment I-7.02: "Skema mtejba ta' sussidju għall-enerġija" tar-Reġjun Fjamming tintroduċi titjib sostantiv fil-livell ta' ambizzjoni tal-miżura R-1.01, is-sottoinvestment (i) "Skema mtejba ta' sussidju għall-enerġija" tar-Reġjun Fjamming diġà kienet inkluda fl-RRP oriġinali.
- (34) Filwaqt li jitqies it-tnaqqis fil-kontribuzzjoni finanzjarja massima ta' EUR 1 400 569 368, il-Belġju inkluda fil-kapitolu REPowerEU disa' miżuri li diġà kienu fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, f'konformità mal-Artiklu 21c(2). Dawk il-miżuri ġew riflessi f'dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni taħt il-komponenti 1.1: Rinnovazzjoni, 1.2: Teknoloġiji tal-Enerġija Emerġenti; 3.2: Bidla modali u 3.3: L-Ekoloġizzazzjoni tat-Trasport bit-Triq. L-ispejjeż stmati ta' dawn il-miżuri jammontaw għal EUR 324 941 685.
- (35) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU u t-talba għal appoġġ fil-forma ta' self f'konformità mal-Artikolu 19(3) tar-Regolament 2021/241.

Rispons ibbilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastri

- (36) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (a), u mal-Anness V, il-kriterju 2.1 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU jirrappreżenta fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jitqiesu l-isfidi speċifiċi ffaċċjati mill-Istat Membru kkonċernat u l-allokazzjoni finanzjarja għalih.
- (37) L-RRP oriġinali rrappreżenta rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat (Klassifikazzjoni A) għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali f'dak iż-żmien, u kkontribwixxa b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (38) L-RRP modifikat, inkluż il-kapitolu REPowerEU, jkompli jkopri b'mod komprensiv is-sitt pilastri u fih għadd sinifikanti ta' komponenti li jappoġġaw aktar minn pilastru

wieħed. Minkejja l-miżuri li tneħħew mill-RRP oriġinali abbażi tal-Artikoli 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-firxa tal-azzjonijiet tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU jikkorrispondu għall-oġġettivi tal-faċilità b'bilanċ kumplessiv xieraq bejn il-pilastru minħabba l-miżuri introdotti mill-ġdid fil-kapitolu REPowerEU permezz tal-Artikolu 21c (3) ta' dak ir-Regolament. B'mod partikolari l-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU jikkontribwixxu għall-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika u għall-koeżjoni soċjali u territorjali.

L-indirizzar tal-isfidi kollha jew ta' ġabra sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

- (39) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), u mal-Anness V, il-kriterju 2.2, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU mistenni jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom (Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Belġju, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom, jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħrajn adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
- (40) B'mod partikolari, l-RRP modifikat iqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati formalment mill-Kunsill qabel il-valutazzjoni tal-pjan modifikat mill-Kummissjoni. Billi l-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Belġju ġiet aġġustata 'l isfel, ir-rakkomandazzjonijiet tal-2022 u tal-2023 mhux relatati mal-isfidi tal-enerġija mhumiex ikkunsidrati fil-valutazzjoni ġenerali.
- (41) Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti kollha fiż-żmien tal-preżentazzjoni tal-RRP nazzjonali modifikat, il-Kummissjoni ssib li r-rakkomandazzjoni dwar il-provvista ta' likwidità lill-SMEs (CSR 2020.3.1) hija kkunsidrata implimentata b'mod sħiħ. Inkiseb progress sostanzjali fir-rigward tar-rakkomandazzjoni biex jiġi estiż l-investment pubbliku għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u għas-sigurtà tal-enerġija (CSR 2022.1.2); biex jitrawwem l-investment fir-riċerka u l-innovazzjoni (CSR 2019.3.3, 2020.3.9); li tissaħħaħ ir-reżiljenza ġenerali tas-sistema tas-saħħa (CSR 2020.1.2) u li jittaffa l-impatt fuq l-impjiegi u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19 (CSR 2020.2.1).
- (42) L-RRP modifikat jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Belġju mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, b'mod partikolari l-investimenti kbar fid-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika (CSR 2019.4, 2020.3), ir-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet biex tittejjeb is-sostenibbiltà finanzjarja tagħha (CSR 2019.1.4), l-investimenti fl-edukazzjoni u fil-ħiliet (CSR 2019.2.2, 2019.2.3, 2020.2.2) u l-investimenti fl-ekonomija ċirkolari (CSR 2020.3.7).
- (43) Il-Kapitolu REPowerEU jindirizza l-isfidi identifikati fis-CSRs relatati mal-politika tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika. B'mod partikolari, il-kapitolu REPowerEU jinkludi miżuri li jindirizzaw direttament is-CSR 2023.4.2 u s-CSR 2022.4.2 dwar il-ħtieġa li jiżdied it-titjib fl-effiċjenza enerġetika u li jitnaqqas l-użu tal-fjuwils fossili fil-bini, bħal miżuri biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-bini, b'mod partikolari permezz tar-rinnovazzjoni termali u l-installazzjoni ta' pannelli solari u pompi tas-sana.

- (44) Il-Kapitolu REPowerEU jinkludi wkoll miżuri li jindirizzaw direttament is-CSR 2023.4.3 u s-CSR 2022.4.3 dwar il-ħtieġa li tiġi stimulata aktar id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, bħal: (i) appoġġ għall-proġetti tar-R&Ż biex tiġi ottimizzata l-infrastruttura għall-importazzjonijiet tal-idroġenu jew tal-elettriku; (ii) inċentivi finanzjarji għal investimenti fi proġetti tal-effiċjenza enerġetika bħall-ġestjoni tas-sħana industrijali jew il-qbid u l-ħżin tad-diaossidu tal-karbonju (CCS); (iii) l-appoġġ għal tekniki tal-iffrankar tal-enerġija, għal proġetti tat-tisħin ekoloġiku u tal-enerġija rinnovabbli fis-settur agrikolu. Barra minn hekk, il-miżuri fil-kapitolu REPowerEU jindirizzaw direttament is-CSR 2023.4.4 u s-CSR 2022.4.3 dwar il-ħtieġa li jiġu promossi l-provvista u l-użu tat-trasport pubbliku kif ukoll il-mobilità mhux motorizzata, bħax-xiri ta' karozzi tal-linja elettriċi u l-varar ta' infrastruttura tal-iċċarġjar rispettiva.
- (45) Fl-aħħar nett, il-kapitolu REPowerEU jinkludi miżuri li jindirizzaw direttament is-CSR 2023.4.5 u s-CSR 2022.4.4 dwar il-ħtieġa li jitħaffef l-użu tal-enerġiji rinnovabbli u tal-infrastruttura tal-grilja relatata, bħal: (i) riforma tal-proċeduri ta' appell tal-Kunsill tal-Istat biex jitqassar iż-żmien għat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-proġetti tal-enerġija; (ii) reviżjoni tal-qafas legali biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-għoti ta' permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli; (iii) tnaqqis tar-restrizzjonijiet fil-viċinat tal-ajruporti biex tiġi ffaċilitata l-mobilizzazzjoni tat-turbini eoliċi (iv) investiment fin-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku biex jinħolqu "grilji intelliġenti".

Kontribut għall-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali

- (46) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (c), u mal-l-Anness V, il-kriterju 2.3 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inklud il-kapitolu REPowerEU mistenni jkollu impatt għoli (Klassifikazzjoni A) fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-Belġju, filwaqt li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inklud permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġh, u fuq il-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni.
- (47) Il-valutazzjoni tal-RRP oriġinali, f'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (c), u mal-Anness V, il-kriterju 2.3, tar-Regolament (UE) 2021/241, sabet li l-RRP oriġinali kien mistenni li jkollu impatt għoli fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali (Klassifikazzjoni A).
- (48) L-RRP modifikat ikompli jinkludi investimenti u riformi sinifikanti biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet tal-ekonomija u tal-koeżjoni ekonomika. Dan jinkludi riformi biex tiżdied il-kwalità tal-infiq pubbliku; riformi biex tiżdied il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol; investimenti fid-diġitalizzazzjoni, it-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet; u investimenti fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni.
- (49) L-RRP modifikat ikompli jinkludi investimenti u riformi sinifikanti biex jindirizza l-isfidi soċjali u jtejjeb il-koeżjoni soċjali, inkluża l-integrazzjoni ta' gruppi vulnerabbli. Pereżempju riformi biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari r-rata baxxa tal-impjiegi ta' persuni bi sfond ta' migrazzjoni; riformi tal-iskemi ta' sussidju tal-enerġija biex jgħinu jtaffu l-faqar enerġetiku; u investimenti fl-infrastruttura soċjali, inklud fir-rinnovazzjoni u l-bini ta' akkomodazzjonijiet soċjali u ta' faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal.

- (50) Bħala parti mill-modifika fl-RRP, il-livell meħtieġ ta' implimentazzjoni ta' xi wħud mill-miżuri ekonomiċi u soċjali msemmija hawn fuq tnaqqas u ħalla impatt proporzjonat fuq l-eżitu mistenni tagħhom. Madankollu, ir-risultat tal-valutazzjoni oriġinali tal-impatt tal-pjan dwar it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali jibqa' l-istess.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (51) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u mal-Anness V, il-kriterju 2.4, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura (Klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inklużi f'dan l-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ (il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti").
- (52) Il-modifiki tal-miżuri inklużi fl-RRP oriġinali ma għandhomx impatt fuq il-valutazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" li jibqa' identiku.
- (53) Il-Belġju ppreżenta valutazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" għal kull miżura ġdida u riveduta tal-pjan modifikat, inkluż il-kapitolu REPowerEU. L-informazzjoni pprovduta turi li l-pjan huwa mistenni jiżgura l-konformità ma' dan il-prinċipju. Barra minn hekk, għal daww il-miżuri li jirrikjedu l-għażla ta' proġetti fil-futur, jenħtieġ li jiġu introdotti salvagwardji rilevanti speċifiċi fl-istadji importanti u fil-miri assoċjati għal dak l-għan.

Kontribut għall-oġettivi tar-REPowerEU

- (54) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da), u mal-Anness V, il-kriterju 2.12, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-bieċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, għad-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, għal żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, għal żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew għat-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.
- (55) L-implimentazzjoni tal-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU mistennija tikkontribwixxi b'mod partikolari għall-appoġġ tal-oġettivi fl-Artikolu 21c (3), il-punti (b), (c), (d), (e) u (f) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (56) Permezz tal-miżuri l-ġodda dwar ir-rinnovazzjonijiet ta' bini privat u pubbliku bi prestazzjoni inqas effiċjenti fl-użu tal-enerġija, il-kapitolu REPowerEU saħħaħ l-ambizzjoni li jtejjeb b'mod effettiv l-effiċjenza enerġetika fil-bini f'konformità mal-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 21c (3), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2021/241. Diversi miżuri (inklużi l-miżuri I-7.04, I-7.05, I-7.07, I-7.09, I-7.10) jinvolvu l-installazzjoni ta' pannelli solari jew pompi tas-sħana, jew l-installazzjoni ta' daww LED. Riforma ġdida tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali (R-7.01) tipprevedi l-emenda tal-kodiċi ta' Brussell dwar l-arja, il-klima u l-enerġija (COBRACE) biex jiġu introdotti obbligi ġodda dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini. Il-komponent tar-rinnovazzjoni tal-kapitolu REPowerEU jinkludi wkoll miżura waħda fuq skala akbar mir-Reġjun Fjamming (I-7.02) li tikkonsisti f'sussidji għal rinnovazzjonijiet effiċjenti tal-enerġija fl-akkomodazzjonijiet privati. Barra minn hekk, il-miżuri fil-komponenti tar-REPowerEU 7.2: Teknoloġiji tal-Enerġija Emerġenti Ġodda u 7.3: L-enerġija

⁵ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

Rinnovabbli tappoġġa l-oġġettiv tad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija u żżid is-sehem u tħaffef l-użu tal-enerġija rinnovabbli msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 21c(3) tar-Regolament (UE) 2021/241. Il-miżura I-7.13: “L-appell għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija” tar-Reġjun ta’ Wallonia jipprovdi inċentivi finanzjarji għall-investimenti fl-enerġija fl-industrija ta’ Wallonia u għall-iżvilupp ta’ industriji ġodda f’teknoloġiji ekoloġiċi. Il-miżura I-7.14: “L-appell għal azzjoni klimatika fl-agrikoltura” tar-Reġjun Fjamming għandu l-għan li jappoġġa investimenti li jgħinu fid-dekarbonizzazzjoni tas-settur agrikolu. Id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija se tiġi segwita wkoll billi jitnaqqas l-użu tal-gass naturali permezz tal-iżvilupp ta’ networks tat-trasport għall-idroġenu mill-Istat Federali (I-7.15), u l-appoġġ għal proġetti ta’ dimostrazzjoni jew tar-R&Ż li għandhom l-għan li jottimizzaw l-infrastruttura għall-importazzjoni tal-idroġenu jew tal-elettriku mill-Istat Federali (I-7.12). L-investment I-7.17: “L-ottimizzazzjoni tad-distribuzzjoni tal-enerġija” tar-Reġjun ta’ Wallonia għandha l-għan li tagħmel il-grilji tal-elettriku aktar intelliġenti sabiex ilaħħqu mal-produzzjoni dejjem tikber tal-produzzjoni deċentralizzata tal-enerġija rinnovabbli. Miżuri oħra ta’ investment fil-kapitolu REPowerEU jappoġġaw id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni billi jkomplu jużaw l-enerġija rinnovabbli, inkluż proġett pilota ta’ pannelli solari li jifflojtjaw fil-Baħar tat-Tramuntana (I-7.16) u l-gżira tal-enerġija offshore (I-7.20) tal-Istat Federali, li jikkonsisti f’ċentru għall-konnessjoni tal-enerġija enerġija mir-riħ offshore mal-grilja tal-elettriku fuq l-art. L-investment I-7.19: “It-tneħħija tal-ostakli għall-enerġija rinnovabbli” tal-Istat Federali għandha l-għan li tnaqqas ir-restrizzjonijiet fil-viċinat tal-ajruporti għall-iżvilupp ta’ proġetti tal-enerġija mir-riħ, billi tinvesti f’sistemi ġodda ta’ navigazzjoni bl-ajru. Ir-riforma l-ġdida R-7.03: “L-obbligu ta’ pannelli fotovoltajċi għall-konsumaturi l-kbar” tar-Reġjun Fjamming għandu l-għan li jappoġġa l-użu ulterjuri ta’ pannelli fotovoltajċi (PV) solari. Ir-riforma R-7.04: “It-tħaffif tat-tranżizzjoni tal-enerġija” tar-Reġjun ta’ Wallonia għandu l-għan li jiffaċilita u jqassar il-proċeduri għall-għoti ta’ permessi għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli. Ir-riforma R-7.02: “Ir-riforma tal-proċeduri ta’ appell tal-Kunsill tal-Istat” tal-Istat Federali hija mistennija li tqassar iż-żmien biex jiġu ttrattati l-proċeduri tal-appell relatati ma’ deċiżjonijiet dwar investimenti fl-enerġija u proġetti tal-enerġija rinnovabbli.

- (57) Il-Kapitolu REPowerEU jinkludi wkoll miżuri li huma mistennija jikkontribwixxu b’mod effettiv l-indirizzar tal-faqar enerġetiku f’konformità mal-oġġettiv stabbilit fl-Artikolu 21c(3), il-punt (c) tar-Regolament (UE) 2021/24. Dan jikkonċerna miżuri li jipprovdu appoġġ għal rinnovazzjonijiet effiċjenti fl-enerġija lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli, bħall-miżura fuq skala akbar tar-Reġjun ta’ Brussell Kapitali (I-7.01 Skema mtejbja ta’ sussidju għall-enerġija) li tappoġġa s-sussidji għall-unitajiet domestiċi b’introjtu baxx u l-miżura dwar ir-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjonijiet soċjali tar-Reġjun ta’ Wallonia (I-7.04) li tikkonsisti fl-installazzjoni ta’ pannelli solari u pompi tas-sħana f’unitajiet tal-akkomodazzjoni soċjali.
- (58) Diversi miżuri fil-kapitolu REPowerEU jikkontribwixxu wkoll b’mod effettiv biex jinċentivaw it-tnaqqis fid-domanda għall-enerġija msemmija fl-Artikolu 21c(3), il-punt (d) tar-Regolament (UE) 2021/24, billi jinċentivaw ir-rinnovazzjonijiet effiċjenti fl-enerġija, bħall-miżuri R-7.01, I-7.01 u I-7.02. Miżuri oħra ta’ rinnovazzjoni għandhom l-għan li jiksbu, bħala medja, tnaqqis ta’ mill-inqas 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja (I-7.06: “Ir-rinnovazzjoni tal-bini pubbliku” tar-Reġjun Fjamming, u (I-7.10): “Il-miżuri tal-enerġija fil-bini tal-AWV” tar-Reġjun Fjamming). Is-sostituzzjoni ta’ luminarji qodma b’lampi LED tul l-awtostradi u fil-mini għandha l-għan li tnaqqas b’mod sinifikanti l-konsum tal-elettriku relatat (I-7.23: “I-tidwil LED pubbliku” tar-Reġjun Fjamming).

- (59) Investimenti f'karożżi tal-linja b'emissjonijiet żero (I-7.21: "L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karożżi tal-linja" tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali), fl-istazzjonijiet tal-iċċarġjar għall-karożżi elettriċi (I-7.22: "L-istazzjonijiet tal-iċċarġjar" tal-Istat Federali) u infrastruttura tal-iċċarġjar għall-karożżi tal-linja (I-7.25: "Infrastruttura tal-iċċarġjar għall-karożżi tal-linja" tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali), kif ukoll investimenti fil-merkanzija bil-ferrovija (I-7.24: "In-network Effiċjenti Ferrovjarju" tal-Istat Federali) jikkontribwixxi b'mod effettiv għall-appoġġ tat-trasport b'emissjonijiet żero u tal-infrastruttura tiegħu, inklużi l-ferroviji kif stabbilit fl-Artikolu 21c(3), il-punt (e) tar-Regolament (UE) 2021/24.
- (60) L-investimenti I-7.16: "Installazzjoni fotovoltajka li tifflowtja" tal-Istat Federali u I-7.18: "Inizjattivi innovattivi għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli" tar-Reġjun Fjamming jikkontribwixxu għall-appoġġ tal-ktajjen tal-valur fit-teknoloġiji marbuta mat-tranżizzjoni ekoloġika f'konformità mal-Artikolu 21c(3), il-punt (f) tar-Regolament (UE) 2021/24, billi jinvestu fir-R&Ż relatati mal-produzzjoni ta' teknoloġiji innovattivi fil-qasam tal-enerġija solari, il-ħżin tal-enerġija u l-inkorporazzjoni fil-grilji tal-enerġija. Il-miżura I-7.11: Il-"pjattaforma ta' riċerka" tal-Komunità Franċiża, tikkonsisti f'investimenti f'tagħmir għal pjattaforma kondiviża użata mill-universitajiet u integrata fi ktajjen tal-valur strateġiċi marbuta mat-tranżizzjoni tal-enerġija u tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ħiliet ekoloġiċi relatati ma' sistemi tal-enerġija kumplessi.
- (61) Il-Kapitolu REPowerEU huwa koerenti mal-impenn tal-Belġju li jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Il-miżuri jsaħħu lil dawk inklużi fl-RRP oriġinali dwar l-effiċjenza enerġetika u jinċentivaw it-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija, billi jżidu l-pass għar-rinnovazzjoni tal-bini (filwaqt li fl-istess ħin jindirizzaw il-faqar enerġetiku) u billi jappoġġaw it-trasport b'emissjonijiet żero u l-infrastruttura tiegħu, inklużi l-ferroviji.
- (62) Il-Kapitolu REPowerEU jindirizza wkoll il-ħtieġa ta' diversifikazzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili billi jħaffef l-użu tal-enerġija rinnovabbli u l-integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u jappoġġa l-innovazzjoni għall-adozzjoni tal-idroġenu ħieles mill-fjuwils fossili u rinnovabbli, u b'hekk iżid is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Belġju.

Miżuri b'dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali

- (63) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (db), u mal-Anness V, il-kriterju 2.13, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU huma mistennija fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) li jkollhom dimensiuni jew effett transfruntier jew multinazzjonali.
- (64) Il-Kapitolu REPowerEU jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u għat-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija billi jtejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-bini, billi jappoġġa d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, u billi jiżviluppa l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli.
- (65) L-istima tal-kostijiet totali ta' dawn il-miżuri tammonta għal total ta' EUR 658 miljun, li jirrappreżentaw 90,6 % tal-istima tal-ispejjeż tal-kapitolu REPowerEU, li huwa oġġett mill-mira indikattiva ta' 30 %.
- (66) Il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU biex tingħata spinta lill-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli jikkontribwixxu wkoll għall-esportazzjonijiet ta' enerġija nadifa lejn Stati Membri oħra. Bl-istess mod, il-miżuri għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija huma mistennija wkoll li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni.

Il-kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità

- (67) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU, fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 51 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP u 88 % tal-istima tal-ispejjeż totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI ta' dak ir-Regolament. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (68) Il-miżuri li tneħħew, jew fejn il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġ ikun tnaqqas, ma għandhomx impatt fuq l-ambizzjoni ġenerali tal-pjan rigward it-tranżizzjoni ekoloġika filwaqt li l-kapitolu REPowerEU fih sforz sinifikanti biex jappoġġa aktar it-tranżizzjoni ekoloġika tal-Belġju, peress li r-riformi u l-investimenti kollha jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, għaż-żieda fl-effiċjenza enerġetika u għall-aċċellerazzjoni tal-użu tal-enerġiji rinnovabbli, b'mod partikolari billi jtejbu l-kundizzjonijiet qafas għall-enerġija eolika u billi jissimplifikaw aktar il-proċeduri għall-għoti ta' permessi u jaċċelleraw il-proċeduri ta' appell.
- (69) L-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU jkompli jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, kif ukoll għall-kisba tal-miri klimatiċi tal-Unjoni għall-2030 filwaqt li jikkonforma mal-oġġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (70) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 27 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP modifikat ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.
- (71) Il-modifika tal-pjan ma għandhiex impatt materjali fuq l-ambizzjoni tiegħu lejn it-tranżizzjoni diġitali. Minkejja t-tneħħija ta' ftit investimenti b'dimensjoni diġitali, l-RRP modifikat ikompli jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni diġitali b'approċċ trasversali, billi jappoġġa ċ-ċibersigurtà, id-diġitalizzazzjoni tan-negozji u tal-amministrazzjoni pubblika, u l-konnettività, inkluża l-konnettività b'veloċità għolja. Jikkontribwixxi wkoll għad-diġitalizzazzjoni tas-settur tat-trasport, biex jiżdiedu l-ħiliet diġitali tal-forza tax-xogħol, tal-istudenti u tal-popolazzjoni b'mod aktar wiesa', inklużi l-gruppi vulnerabbli.

Impatt deġġiem

- (72) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (g), u mal-Anness V, il-kriterju 2.7, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU mistenni jkollu impatt deġġiem fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) fuq il-Belġju.
- (73) Il-valutazzjoni inizjali tal-RRP oriġinali, f'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (g), u mal-Anness V, il-kriterju 2.7, tar-Regolament (UE) 2021/241 sabet li l-RRP oriġinali kien mistenni li fil-biċċa l-kbira jkollu impatt deġġiem fuq il-Belġju (Klassifikazzjoni A).

- (74) L-RRP modifikat iquis il-kontribuzzjoni finanzjarja massima mnaqqsa, l-impatt fit-tul tal-kriżi tal-COVID-19, l-inflazzjoni u t-tfixkil fil-katina tal-provvista. Il-Belġju talab appoġġ fil-forma ta' self biex jikkumpensa għat-tnaqqis fil-kontribuzzjoni finanzjarja massima. Minbarra l-miżuri eżistenti, il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni li jkollu effetti pożittivi dejjiema fuq l-ekonomija Belġjana u jkompli jagħti spinta lit-tranżizzjoni ekoloġika tiegħu. B'mod partikolari, il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU huma mistennija li jappoġġaw l-isforz ta' dekarbonizzazzjoni tal-Belġju, l-ekoloġizzazzjoni tan-network tat-trasport tiegħu, it-tranżizzjoni tal-enerġija u jnaqqsu d-dipendenza enerġetika tiegħu. Il-miżuri ta' REPowerEU għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija u r-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-binijiet privati u pubbliċi huma mistennija li jkollhom impatt dejjiemi fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Il-Kapitolu REPowerEU fih investimenti ġodda dwar l-ottimizzazzjoni tad-distribuzzjoni tal-enerġija, ir-riċerka u l-iżvilupp marbutin mal-produzzjoni ta' teknoloġiji innovattivi fil-qasam tal-enerġija solari u taċ-ċelloli fotovoltajċi, studji dwar il-fattibbiltà teknika u ekonomika tal-pannelli solari li jifflowtjaw fil-Baħar tat-Tramuntana li se jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika.
- (75) Ir-riformi inklużi fil-kapitolu REPowerEU huma mistennija wkoll li jkollhom impatt fit-tul fuq il-Belġju b'mod partikolari billi jikkontribwixxu biex jintlaħaq l-oġettiv tiegħu f'termini ta' effiċjenza enerġetika u enerġija rinnovabbli. Ir-riforma tal-proċeduri ta' appell tal-Kunsill tal-Istat Federali hija mistennija li tqassar iż-żmien biex jiġu ttrattati l-proċeduri ta' appell relatati ma' deċiżjonijiet dwar investimenti fl-enerġija u proġetti tal-enerġija rinnovabbli u tippermetti użu aktar rapidu ta' proġetti eoliċi fuq l-art u l-espansjoni relatata tal-grilja tal-enerġija li bħalissa huma mxejjla serjament minn dewmien twil relatat mal-proċeduri tal-għoti tal-permessi, b'mod partikolari minħabba proċeduri ta' appell ripetittivi u twal. Riformi oħra jsaħħu l-ambizzjoni li tittejjeb l-effiċjenza enerġetika fil-bini.

Il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni

- (76) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (h), u mal-Anness V, il-kriterju 2.8, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inkluż l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.
- (77) Il-valutazzjoni tal-RRP oriġinali, f'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (h), u l-Anness V, il-kriterju 2.8, tar-Regolament (UE) 2021/241, sabet li l-RRP oriġinali kien adegwat (Klassifikazzjoni A) biex jiżgura l-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inkluż l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.
- (78) In-natura u l-firxa tal-modifiki proposti fil-RRP tal-Belġju ma għandhomx impatt fuq il-valutazzjoni preċedenti tal-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-RRP. B'mod partikolari, l-istadji importanti u l-miri li jakkumpanjaw il-miżuri ġodda u modifikati, inklużi dawk fil-kapitolu REPowerEU, huma ċari u realistiki u l-indikaturi proposti għal dawk l-istadji importanti u l-miri huma rilevanti, aċċettabbli u robusti. L-istadji importanti u l-miri huma rilevanti wkoll għal miżuri diġà kompluti li huma eliġibbli skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. It-tweġġiq sodisfaċenti ta' dawn l-istadji importanti u l-miri maż-żmien huwa meħtieġ biex tiġi ġġustifikata t-talba ta' żborż.

Estimi tal-prezzijiet

- (79) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni mogħtija fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU dwar l-ammont tal-istima tal-kostijiet totali tal-RRP hija moderatament (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (80) Il-valutazzjoni oriġinali tal-RRP iddeterminat li l-Belġju kien ipprova l-ispejjeż stmati għal kull investiment inkluż fl-RRP, u fil-biċċa l-kbira b'diżaggregazzjoni tal-ispejjeż dettaljati u sostanzjati tajjeb. Il-ġustifikazzjoni mogħtija mill-Belġju dwar l-ammont tal-ispejjeż totali stmati tal-RRP kienet moderatament raġonevoli (Klassifikazzjoni B) u plawżibbli, konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (81) Il-Belġju pprova l-ispejjeż stmati individwali għall-miżuri l-ġodda kollha li jinvolve l-ispejjeż fl-RRP inkluż il-kapitolu REPowerEU, kif ukoll ġustifikazzjonijiet individwali għall-miżuri kollha li l-modifiki tagħhom kienu jinvolve bidla fl-istimi tal-ispejjeż jew fil-mira relatata. L-informazzjoni dwar l-ispejjeż ipprovduta mill-Belġju hija fil-biċċa l-kbira dettaljata u sostanzjata biżżejjed. Għal miżuri u miżuri ġodda fejn it-tnaqqis fl-ambizzjoni huwa aktar milli proporzjonat mat-tnaqqis fil-pakkett finanzjarju, il-Belġju pprova stimi li jinkludu referenzi għal *data* reali tal-offerti kif ukoll informazzjoni dwar il-metodoloġija użata. Il-Belġju pprova aktar informazzjoni u evidenza meta mitlub. Il-valutazzjoni tal-istimi tal-ispejjeż u d-dokumenti ta' sostenn turi li l-biċċa l-kbira tal-ispejjeż tal-miżuri l-ġodda huma ġġustifikati sew, raġonevoli u plawżibbli. Barra minn hekk, il-bidliet fl-istimi tal-ispejjeż tal-miżuri modifikati huma ġġustifikati biżżejjed. Fl-aħħar nett, l-istima tal-ispejjeż totali tal-RRP hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (82) Il-Belġju pprova biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-ispejjeż għall-miżuri ġodda kollha, inklużi dawk fil-kapitolu REPowerEU mhux se jiġu ffinanzjati fl-istess ħin minn sorsi oħra ta' finanzjament tal-Unjoni. L-impenn li jiġu stabbiliti salvagwardji li huma maħsuba biex jipprevjenu l-finanzjament doppju jibqa' u ma nbidilx mill-modifika tal-pjan.

Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

- (83) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (j), u l-Anness V, il-kriterju 2.10, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi previsti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti mistennija jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħra tal-UE. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħrajn għall-promozzjoni u l-infurzar tal-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta'

interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶.

- (84) Il-valutazzjoni oriġinali kienet ikkonkludiet dwar l-adegwatezza tal-arranġamenti ta' kontroll u ta' awditjar proposti mill-Belġju (Klassifikazzjoni ta' A) skont il-kriterju 2.10 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, soġġett għat-twettiq f'waqtu ta' żewġ stadji importanti: (i) rigward sistema ta' repożitorju għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRP inklużi l-funzjonalitajiet minimi u (ii) dwar l-implimentazzjoni ta' arranġamenti ta' koordinazzjoni adegwati, inklużi kontroverifiki, fil-livell tal-korp ta' koordinazzjoni fil-livell interfederali li jippermettu li jiġi evitat finanzjament doppju mill-Faċilità u programmi oħra tal-Unjoni f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba.
- (85) Is-sistema ta' kontroll intern deskritta fl-RRP Belġjan modifikat hija bbażata fuq proċessi u struttura b'saħħithom. Id-distribuzzjoni tar-rwoli u tar-responsabbiltajiet tibqa' fis-seħħ fl-RRP rivedut. Il-kontrolli tal-ewwel livell ġew assenjati lil korpi pubbliċi differenti li huma parti mill-qafas ta' kontroll intern eżistenti għall-implimentazzjoni tal-baġit fis-sitt entitajiet u ma ġiet proposta l-ebda bidla fil-pjan modifikat. Il-mandati tal-korpi tal-awditjar u l-kapaċità amministrattiva rispettiva tagħhom ma kinux soġġetti għal modifiki.
- (86) Kull gvern kompetenti żviluppa u juża s-sistema ta' repożitorju tiegħu stess biex jiżgura l-ġbir tad-*data* u l-monitoraġġ tal-kisba tal-istadji importanti u tal-miri, kif ukoll il-ġbir u l-ħżin tad-*data* meħtieġa mill-Artikolu 22(2)(d)(i)-(iii) tar-Regolament (UE) 2021/241. Il-qafas leġislativ ġie emendat biex jippermetti lill-korpi kompetenti kollha, fil-livelli kollha tal-gvern, ikollhom aċċess dirett għad-*data* rreġistrata fir-reġistru tas-Sid Benefiċjarju Finali Belġjan, u jiġbru d-*data* minnu. Il-kompletezza u l-affidabbiltà tad-*data* miġbura u maħżuna jiġu vvalutati skont l-ewwel talba għal pagament ippreżentata mill-Belġju.
- (87) Kull entità teżerċita s-setgħat tagħha b'mod awtonomu fl-oqsma tagħha stess u torganizza l-implimentazzjoni tal-pjan, inkluż biex tevita finanzjament doppju tal-UE. L-adegwatezza tal-arranġamenti biex jiġi evitat finanzjament doppju mill-UE hija vvalutata taħt l-ewwel talba għal pagament ippreżentata mill-Belġju.
- (88) Mill-valutazzjoni preċedenti tagħha, il-Kummissjoni kellha aċċess għal informazzjoni dwar l-implimentazzjoni effettiva tal-proċeduri ta' kontroll differenti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitt ta' interess. Għalhekk qed jiġu introdotti stadji importanti addizzjonali biex jittejjbu l-arranġamenti tal-awditjar u tal-kontroll tal-RRP Belġjan modifikat. Sabiex jiġu żgurati sistemi ta' kontroll intern b'saħħithom xierqa għall-qafas kostituzzjonali tal-Belġju, il-korpi ta' koordinazzjoni, f'kollaborazzjoni mal-organi eżekuttivi jekk meħtieġ, jenħtieġ li jadattaw il-manwal ta' proċeduri tagħhom li jiddeskrivu s-sistema ta' ġestjoni u kontroll u joħorġu istruzzjonijiet lill-organi eżekuttivi, inkluż bħala dispożizzjonijiet minimi li jirrikjedu strateġiji ta' kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni, kanali funzjonali ta' whistleblowing intern u estern, verifiki fuq il-post, proċeduri għar-rappurtar tal-irregolaritajiet lill-OLAF u lill-awtoritajiet kompetenti oħra, u

⁶ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1).

proċeduri rigward il-verifika tal-konformità mad-dritt tal-Unjoni u nazzjonali, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-akkwist pubbliku u l-ġhajjnuna tal-Istat. Il-manwali u d-dokumenti jenħtieġ li jinkludu l-proċeduri relatati mal-ksib ta' garanzija għall-iffirmar tad-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni li jakkumpanjaw it-talba għal pagament ippreżentat lill-Kummissjoni. Barra minn hekk, meta l-Ispettorat tal-Finanzi jingħata l-kompitu bir-responsabbiltà ta' dawn il-kontrolli, il-korpi rilevanti ta' koordinazzjoni jenħtieġ li jadottaw u jibagħtu komunikazzjoni lill-Ispettorat tal-Finanzi fir-rigward tal-verifiki *ex-ante* dwar il-konformità mad-dritt tal-Unjoni u nazzjonali tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, li għandhom jitwettqu f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241. Barra minn hekk, il-korpi ta' koordinazzjoni jenħtieġ li joħorġu istruzzjonijiet lill-organi eżekuttivi kollha fir-rigward tal-verifiki *ex-ante*, qabel l-iffirmar ta' kuntratti jew tal-ġhoti ta' għotjiet, dwar ir-riskju ta' kunflitt ta' interess fl-implimentazzjoni tal-miżuri, inkluż id-dikjarazzjonijiet obbligatorji dwar l-assenza ta' kunflitt ta' interess mill-persuni involuti fl-istadji kollha tal-proċeduri ta' selezzjoni għas-sejħiet għall-offerti u s-sejħiet għal proġetti, fuq il-bażi tar-riskju, l-użu ta' għodda adegwata għall-valutazzjoni tar-riskju biex isiru l-verifiki marbutin mal-kunflitt ta' interess stabbiliti fl-istruzzjonijiet. Dawn l-istadji importanti għandhom jintlaħqu sa mhux aktar tard miż-żmien tal-preżentazzjoni tat-tieni talba għal pagament lill-Kummissjoni.

Koerenza tal-RRP

- (89) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (k), u mal-Anness V, il-kriterju 2.11 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU jinkludi sa ċertu punt (Klassifikazzjoni B) miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.
- (90) Il-valutazzjoni tal-RRP oriġinali, f'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (k), u mal-Anness V, il-kriterju 2.11, tar-Regolament (UE) 2021/241, qieset l-RRP oriġinali, u sa ċertu punt inkludiet (Klassifikazzjoni B) miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.
- (91) Il-modifiki tal-RRP jaffettwaw ħamsa minn sitt assi, u jżidu assi addizzjonali (is-seba' wieħed), il-kapitolu REPowerEU. Il-modifiki li saru lill-assi eżistenti ma jbidlux il-koerenza ġenerali tal-pjan, meta jitqies il-mod kif il-komponenti jsaħħu lil xulxin u jikkomplimentaw lil xulxin. Il-Kapitolu addizzjonali REPowerEU huwa ġeneralment konsistenti mal-miżuri użati skont l-RRP inizjali biex jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u jkompli jsaħħa l-ambizzjoni ta' xi wħud minnhom, b'mod partikolari dawk immirati lejn it-tnaqqis tad-dipendenza enerġetika ġenerali. Il-Kapitolu REPowerEU jgħib taħlita konsistenti ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin u jikkomplimentaw lil xulxin. Madankollu, huma pjuttost mifruxa b'ħafna investimenti ta' daqs limitat, filwaqt li l-miżuri fuq skala akbar huma f'minoranza.

Proċess ta' Konsultazzjoni

- (92) Il-Belġju wettaq konsultazzjonijiet addizzjonali mal-partijiet ikkonċernati fil-kuntest tal-emenda tal-pjan u għat-tħejjija tal-kapitolu REPowerEU. Dan il-proċess ta' konsultazzjoni involva l-Istat Federali, it-tliet Reġjuni, it-tliet Komunitajiet Lingwistiċi kif ukoll is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili.

Valutazzjoni pożittiva

- (93) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU, bis-sejba li l-pjan jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-

Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont magħmul disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u fil-forma ta' self.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (94) L-istima tal-ispejjeż totali tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU tal-Belġju hija ta' EUR 5 299 439 854. Peress li l-ammont tal-ispejjeż totali stmati tal-RRP modifikat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Belġju, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11 allokata għall-RRP modifikat tal-Belġju inkluż il-kapitolu REPowerEU tkun uguali għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-RRP modifikat tal-Belġju inkluż il-kapitolu REPowerEU. Dan l-ammont huwa ta' EUR 4 523 383 959.
- (95) Skont l-Artikolu 21a(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, fl-20 ta' Lulju 2023 il-Belġju ppreżenta talba għall-allokazzjoni tad-dħul imsemmi fl-Artikolu 21a(1) ta' dak ir-Regolament, kondiviż bejn l-Istati Membri abbażi tal-indikaturi stabbiliti fil-metodoloġija fl-Anness IVa tar-Regolament (UE) 2021/241. L-ispejjeż totali stmati tal-miżuri msemmija fil-punti minn (b) sa (f) tal-Artikolu 21c(3) inklużi fil-kapitolu REPowerEU huma ta' EUR 725 603 658. Peress li dan l-ammont huwa oġġla mis-sehem tal-allokazzjoni disponibbli għall-Belġju, jenħtieġ li l-appoġġ finanzjarju addizzjonali mhux ripagabbli disponibbli għall-Belġju jkun daqs is-sehem tal-allokazzjoni. Dan l-ammont huwa ta' EUR 281 716 188.
- (96) Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755⁷, fil-21 ta' Marzu 2023 il-Belġju ppreżenta talba motivata biex jittrasferixxi parti mill-allokazzjoni proviżorja tiegħu li fadal mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għall-Faċilità, li tammonta għal EUR 228 850 088. Jenħtieġ li dak l-ammont isir disponibbli biex jappoġġa r-riformi u l-investimenti fil-kapitolu REPowerEU bħala appoġġ finanzjarju addizzjonali mhux ripagabbli.
- (97) Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali disponibbli għall-Belġju jenħtieġ li tkun ta' EUR 5 033 950 235.

Self

- (98) Barra minn hekk, sabiex jappoġġa r-riformi u l-investimenti addizzjonali, il-Belġju talab appoġġ totali fil-forma ta' self ta' EUR 264 200 000, b'mod partikolari, EUR 215 000 000 biex jappoġġa r-riformi u l-investimenti fil-kapitolu REPowerEU u EUR 49 200 000 biex jappoġġa r-riformi u l-investimenti l-oħra fl-RRP. Il-volum massimu tas-self mitlub mill-Belġju huwa inqas minn 6,8 % tal-introjtu nazzjonali gross tal-2019 tiegħu fi prezzijiet attwali. L-ammont tal-istima tal-ispejjeż totali tal-RRP huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja kkombinata disponibbli għall-Belġju, inkluż il-kapitolu REPowerEU u l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, id-dħul mis-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-

⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1).

emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸, u r-riżorsi mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit.

Prefinanzjament ta' REPowerEU

- (99) Il-Belġju talab il-finanzjament li ġej għall-implimentazzjoni tal-kapitolu REPowerEU tiegħu: it-trasferiment ta' EUR 228 850 088 mill-allokazzjoni proviżorja mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, u EUR 281 716 188 mid-dħul mill-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, EUR 215 000 000 fil-forma ta' self.
- (100) Għal dawk l-ammonti, skont l-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241, fis-27 ta' Lulju 2023 il-Belġju talab prefinanzjament ta' 20 % tal-finanzjament mitlub. Soġġett għar-riżorsi disponibbli, jenħtieġ li dak il-prefinanzjament jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Belġju soġġett għad-dħul fis-seħħ u f'konformità ma' ftehimiet li għandhom jiġu konklużi bejn il-Kummissjoni u l-Belġju skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 ("il-ftehim ta' finanzjament") u skont l-Artikolu 15(2) ta' dak ir-Regolament ("il-ftehim ta' self").
- (101) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 10161/21 tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għall-Belġju tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 10161/21 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP modifikat tal-Belġju fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti u l-istadji importanti u l-miri addizzjonali relatati mal-pagament tas-self, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

(2) Fl-Artikolu 2, il-paragrafi 1 u 2 jiġu sostitwiti b'dawn li ġejjin:

⁸ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32–46).

“1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Belġju l-kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta’ appoġġ li ma jitħallasx lura li jammonta għal EUR 5 033 950 235.⁹ Dik il-kontribuzzjoni tinkludi:

- (a) ammont ta’ EUR 3 645 626 483 li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta’ Diċembru 2022;
- (b) ammont ta’ EUR 877 757 476 li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta’ Jannar 2023 sal-31 ta’ Diċembru 2023;
- (c) ammont ta’ EUR 281 716 188¹⁰, f’konformità mal-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241, esklużivament għall-miżuri msemija fl-Artikolu 21c ta’ dak ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-miżuri msemija fl-Artikolu 21(3), il-punt (a);
- (d) l-ammont ta’ EUR 228 850 088, ittrasferit mir-Riżerva ta’ Aġġustament għall-Brexit għall-Faċilità.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni disponibbli għall-Belġju fi ħlasijiet parzjali f’konformità mal-Anness ta’ din id-Deċizzjoni. L-ammont ta’ EUR 770 113 933 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f’konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/241.

L-ammont ta’ EUR 102 113 255 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f’konformità mal-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241. Dan il-prefinanzjament jista’ jitħallas mill-Kummissjoni f’massimu ta’ żewġ pagamenti.

Il-Kummissjoni tista’ tiżborża l-prefinanzjament u l-ħlasijiet parzjali f’parti waħda jew aktar. Id-daqs tal-partijiet għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.”

(3) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*“Artikolu 2a
Appoġġ fil-forma ta’ self*

- 1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Belġju self li jammonta għall-massimu ta’ EUR 264 200 000.
- 2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-appoġġ fil-forma ta’ self imsemmi fil-paragrafu 1 disponibbli għall-Belġju f’pagamenti parzjali f’konformità mal-Anness ta’ din id-Deċizzjoni.

L-ammont ta’ EUR 43 000 000 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f’konformità mal-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241. Dan il-prefinanzjament jista’ jitħallas mill-Kummissjoni f’massimu ta’ żewġ pagamenti.

Il-Kummissjoni tista’ tiżborża l-prefinanzjament u l-ħlasijiet parzjali f’parti waħda jew aktar. Id-daqs tal-partijiet għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.

⁹ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Belġju tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata skont il-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta’ dan ir-Regolament.

¹⁰ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara li jitnaqqas is-sehem proporzjonali tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Belġju, ikkalkulata f’konformità mal-metodoloġija tal-Anness IVa ta’ dak ir-Regolament.

3. Il-prefinanzjament imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħ u f'konformità mal-ftehim ta' self. Il-prefinanzjament għandu jitħallas billi jitnaqqas proporzjonalment mill-pagament tal-ħlasijiet parzjali.
4. Ir-rilaxx tal-ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Ftehim ta' Self għandu jsir bil-kundizzjoni li l-finanzjament jkun disponibbli, u b'deċiżjoni tal-Kummissjoni, meħuda f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/241, li l-Belġju jkun laħaq b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri addizzjonali koperti bis-self u identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRP modifikat, inkluż il-kapitolu REPowerEU. Sabiex ikun eliġibbli għall-pagament, il-Belġju għandu jlesti l-istadji importanti u l-miri addizzjonali sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026.

(4) L-Anness huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni:

Artikolu 2
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Belġju.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President